

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 4.6.2010
KUMM(2010)292 finali

**RAPPORT LILL-KUMITAT EWROPEW TAT-TITOLI U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**dwar il-konverġenza bejn l-Istandards Internazzjonali tar-Rapportaġġ Finanzjarju
(IFRS) u l-Prinċipji tal-Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAPs) nazzjonali ta'
pajjiżi terzi**

SEG(2010)681 final

RAPPORT LILL-KUMITAT EWROPEW TAT-TITOLI U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-konverġenza bejn l-Istandards Internazzjonali tar-Rapportaġġ Finanzjarju (IFRS) u l-Prinċipji tal-Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAPs) nazzjonali ta' pajjiżi terzi

1. ID-DAĦLA U L-BAŻI ĠURIDIKA

Sa mill-1 ta' Jannar 2005, il-kumpaniji elenkati f'suq regolat ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE jridu jużaw l-IFRS kif adottat mill-UE fit-tnejn tar-rapporti finanzjarji konsolidati¹. Ir-Regolament dwar il-Prospett² u d-Direttiva dwar it-Trasparenza³ jestendu r-rekwiżit tal-produzzjoni tar-rapporti finanzjarji jew abbażi tal-IFRS jew abbażi ta' ċerti standards kontabilistiċi nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jkunu ekwivalenti għal dawk l-istandards, għal pajjiżi terzi emittenti li joħorġu offerta pubblika ta' titoli fl-UE u dawk li t-titoli tagħhom ikunu nnegozjati f'suq regolat fl-UE.

F'Diċembru 2007, il-Kummissjoni waqqfet mekkaniżmu⁴ biex tiġi ddeterminata l-ekwivalenza tal-Prinċipji tal-Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAPs). F'Diċembru 2008, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni⁵ u Regolament⁶, li jidentifikaw bħala ekwivalenti għall-IFRS, il-GAAPs tal-Istati Uniti, u l-GAAPs tal-Ġappun, u taċċetta r-rapporti finanzjarji li jużaw il-GAAPs taċ-Ċina, il-Kanada, l-Indja, il-Korea t'Isfel fl-UE fuq bażi temporanja, sa mhux wara l-31 ta' Diċembru 2011.

F'dan il-kuntest, il-leġiżlazzjoni tal-UE⁷ teħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea taġġorna lill-Kumitat Ewropew tat-Titoli (KET) u l-Parlament Ewropew (PE) f'intervalli regolari dwar il-progress li jkun qed isir minn dawn il-pajjiżi permezz tal-programmi rispettivi tagħhom.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 (ir-"Regolament IAS").

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 tad-29 ta' April 2004 (ir-"Regolament dwar il-Prospett"). Dan ir-Regolament jimplementa d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 (id-"Direttiva dwar il-Prospett").

³ Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 (id-"Direttiva dwar it-Trasparenza").

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza għall-istandards tal-kontabbiltà applikati mill-emittenti tal-pajjiżi terzi ta' titoli skond id-Direttiva 2003/71/KE u 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament tal-Mekkaniżmu tal-Ekwivalenza").

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/EC tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-użu, min-naħa ta' emittenti ta' titoli ta' pajjiżi terzi, tal-istandards nazzjonali tal-kontabbiltà ta' ċerti pajjiżi terzi u l-istandards internazzjonali tar-rapportar finanzjarju biex jippreparaw ir-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom, ĠU L 340, 19.12.2008, p. 112.

⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1289/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 li jimplementa d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' elementi relatati mal-prospetti u r-reklami, ĠU L 340, 19.12.2008, p. 17.

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1787/2006 tal-4 ta' Diċembru 2006 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 2006/891 tal-4 ta' Diċembru 2006 (id-"Deċiżjoni skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza").

Fl-ewwel rapport ta' Lulju 2007 il-Kummissjoni rrapportat dwar l-iskedi tal-iskadenzi rispettivi maħsuba mill-awtoritajiet nazzjonali ta' ċerti pajjiżi terzi għall-konverġenza tal-GAAPs nazzjonali tagħhom lejn l-IFRS⁸. Fit-tieni rapport ta' April 2008 il-Kummissjoni eżaminat il-progress reali li sar minn pajjiżi terzi, l-ewwel nett, fil-programmi tagħhom ta' konverġenza u, it-tieni, fl-eliminazzjoni ta' kwalunkwe regoli dwar ir-rekwiżiti ta' rikonċiljazzjoni li tapplika għall-emittenti Komunitarji elenkati fil-ġurisdizzjonijiet ta' dawn il-pajjiżi terzi.

F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tipprovdi aġġornament dwar l-isforzi ta' dawn il-pajjiżi biex jaqilbu għall-IFRS. Permezz ta' dan, il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli (KRET) jipprovdi aġġornament dwar l-iżvilupp fil-qlib għall-IFRS fil-pajjiżi li reċentement irċewew perjodu tranżizzjonali mill-UE (iċ-Ċina, il-Kanada, l-Indja u l-Korea t'Isfel), eż. bl-użu ta' informazzjoni pubblika jew informazzjoni bil-miktub miksuba mir-regolaturi tal-pajjiżi terzi konċernati. Kellha tingħata attenzjoni partikolari għall-applikazzjoni fil-prattika tal-ASBEs Ċiniżi li kkonverġew sostanzjalment abbażi tar-rapporti disponibbli.

Dan ir-rapport jippreżenta wkoll l-iżviluppi reċenti fil-pajjiżi li huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti, bħall-Istati Uniti, il-Ġappun, kif ukoll l-iżviluppi f'bosta ekonomiji kbar bħall-Arġentina, il-Brażil, il-Messiku, ir-Russja u t-Tajwan. Għadd ta' ġurisdizzjonijiet, bħall-Awstralja, Hong Kong, in-New Zealand, Singapore u l-Afrika t'Isfel, diġà totalment adottaw jew implimentaw l-IFRS u għalhekk ma hija meħtieġa ebda deċiżjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar ekwivalenza.

2. ŻVILUPPI FIL-PAJJIŻI LI HUMA RIKONOXXUTI BĦALA EKWIVALENTI

Fit-12 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni⁹ u r-Regolament tal-Kummissjoni¹⁰, li jistabbilixxu li l-GAAPs tal-Istati Uniti u l-Ġappun huma ekwivalenti għall-IFRS għall-użu fil-Komunità. Din it-taqsimha tippreżenta l-iżviluppi f'dawn il-pajjiżi matul l-2008-09 abbażi ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

L-Istati Uniti tal-Amerika

Konverġenza

Fl-2006, il-Financial Accounting Standards Board (FASB) tal-Istati Uniti u l-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB) ikkonkludew Memorandum ta' Qbil (MtQ) li jirriafferma l-mira tagħhom tal-konverġenza bejn il-GAAP tal-Istati Uniti u l-IFRS, u fassal programm ta' ħidma għall-ilħiq ta' din il-mira. Il-KRET ikkonferma li d-differenzi ewlenin li identifika fil-parir tiegħu lill-Kummissjoni fl-2005 ġew indirizzati miż-żewġ bordijiet. Ingħalqu għadd ta' kwistjonijiet (inkluż standard ta' konverġenza għall-Kombinament ta' Negozju), filwaqt li oħrajn għadhom għaddejin u l-iskadenza pjanata tal-2011 ma tiddlitx.

Fil-livell politiku, il-konklużjonijiet tal-G20 irriafferma impenn għal soluzzjonijiet internazzjonali, inkluż il-qasam tal-kontabbiltà. Dawn l-impenji jeħtieġ li jissarfu f'deċiżjonijiet speċifiċi ta' politika u l-ħidma favur il-konverġenza għandha titħaffef fil-livell Prattiku, filwaqt li jinżamm l-għan li jintlaħaq rapportar finanzjarju ta' kwalità għolja. F'April

⁸ Ir-rapport tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju, 2007, COM(2007) 405 finali.

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE tal-12 ta' Diċembru 2008, ĠU L 340, tal-19.12.2008, p. 112.

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1289/2008 tal-12 ta' Diċembru 2008, ĠU L 340, 19.12.2008, p. 17.

2009 I-IASB u l-FASB aġġornaw l-aġendi tagħhom, billi qiesu l-kwistjonijiet li haġġu mill-kriżi finanzjarja. L-attenzjoni fuq l-iffissar tal-istandards sa ċertu punt biddlet il-prijorità, u mill-konverġenza marret fuq l-kwistjonijiet aktar urġenti b'rabta mal-kriżi li kkawżaw xi dewmien fil-proċess kumplessiv ta' konverġenza. Partikolarment, id-dispożizzjonijiet tal-Istati Uniti fil-qasam tal-indeboliment tal-istrumenti ta' debitu disponibbli għall-bejgħ li kienu modifikati espedjetement b'risposta għall-kriżi, ikkawżaw diverġenzi addizzjonali meta mqabbla mal-istandard relatat tal-IAS 39. Minn dak iż-żmien l-IASB u l-FASB ilhom jaħdmu fuq ir-reviżjoni rispettiva tagħhom tal-istandards kontabilistiċi fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji u għandhom isibu approċċ konverġenti, wieħed li ma jippreġudikax rappurtar finanzjarju ta' kwalità għolja.

Adozzjoni possibbli tal-IFRS

F'Ottubru 2008, is-Securities and Exchange Commission (SEC) tal-Istati Uniti haġġet għall-konsultazzjoni pubblika Pjan propost għat-tranzizzjonament għall-IFRS. Skont il-Pjan propost, li jistipula bil-quddiem diversi plieri, is-SEC fl-2011 jiddetermina jekk jipproċedix bl-adozzjoni tal-IFRS sal-2014. L-iskadenza għall-kummenti ġiet estiża mid-19 ta' Frar sal-20 ta' April, 2009.

Fi Frar 2010, is-SEC unanimament approva programmazzjoni ġdida li timmira lejn l-2015 bħala l-abkar data possibbli għall-użu meħtieġ tal-IFRS mill-kumpaniji pubbliċi tal-Istati Uniti. L-azzjoni tas-SEC tappella għal aktar sudju tal-IFRS u deċiżjoni fl-2011 dwar jekk jipproċedux b'mandat biex jintuża l-IFRS.

Minkejja li l-pjan oriġinali kien ser jippermetti ċerti kumpaniji mill-Istati Uniti jużaw l-IFRS fl-2014, is-SEC haġġar fi Frar 2010 li mhux qed ifittex li jagħżel adozzjoni abkar. Is-SEC jista' jirrikunsidra din il-pożizzjoni aktar 'il quddiem. L-istqarrija tas-SEC tinnota wkoll li mhux qed teskludi l-possibbiltà fil-futur li l-emittenti mill-Istati Uniti jistgħu jitħallew jagħżlu bejn l-użu tal-IFRS jew il-GAAP tal-Istati Uniti.

Il-Kummissjoni Ewropea tqis important li s-SEC tal-Istati Uniti jasal għal deċiżjoni pożittiva dwar l-adozzjoni tal-IFRS kemm jista' jkun malajr fl-2011. Fin-nuqqas ta' impenn ċar favur it-tqarrib lejn l-adozzjoni tal-IFRS għall-emittenti domestiċi tal-Istati Uniti, kemm il-kredibbiltà tas-sistema tal-IFRS kif ukoll il-parteċipazzjoni minn pajjiżi li mhux qed jimplementawhom fl-istruttura tal-governanza tal-Fondazzjoni tal-IFRS jistgħu jiġu preġudikati.

Rekwiżit ta' rikonċiljazzjoni

F'Novembru 2007, is-SEC iddeċieda li jneħħi r-rekwiżit li jiġu rikonċiljati r-rapporti finanzjarji ta' emittenti barranin mal-GAAP tal-Istati Uniti għal dawk l-emittenti li jirrappurtaw abbażi tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) kif adottati mill-IASB. Id-deċiżjoni tas-SEC kienet tinkludi deroga tranżizzjonali għal dawk l-emittenti mill-UE li jużaw il-distakkament (*carve-out*) tal-UE fil-kontabbiltà tal-iħħeġġjar [*mill-IAS 39*]. Din id-dispożizzjoni tranżizzjonali skadiet f'Novembru 2009.

Il-Ġappun

Konverġenza

B'segwitu għad-deċiżjoni tal-UE dwar l-ekwivalenza fl-2008, l-awtoritajiet Ġappuniżi komplew ix-xogħol fuq il-konverġenza bejn il-GAAP u l-IFRS.

F'Ottubru 2008 l-Accounting Standards Board of Japan (il-Bord tal-Istandards tal-Kontabbiltà tal-Ġappun (ASBJ)) ħareġ żewġ stqarrijiet għax-xandir rigward il-kejl tal-valur ġust u r-riklassifikazzjoni tat-titoli ta' debitu b'reazzjoni għal bidliet b'rabta mal-kriżi żviluppata mill-IASB, eż. ir-riklassifikazzjoni ta' xi strumenti finanzjarji.

F'Marzu 2009 l-ASBJ u l-IASB iltaqgħu f'Tokjo biex jiddiskutu l-konverġenza tal-GAAP Ġappuniżi u l-IFRSs u rrikonfermaw l-għan li tintlaħaq konverġenza tal-istandards.

F'Settembru 2009 l-IASB u l-ASBJ irriafferma l-kooperazzjoni kontinwa tagħhom fl-ilħiq tal-konverġenza fl-istandards tal-kontabbiltà. Rappreżentanti tal-ASBJ irrapportaw li sar progress lejn il-konverġenza tal-IFRSs u l-GAAP Ġappuniżi. Barra milli rrispondew għall-konsultazzjonijiet tal-IASB, l-ASBJ ħareġ Standard tal-Kontabbiltà rivedut - *ASBJ Statement No. 12 (revised 2009) Accounting Standard for Quarterly Financial Reporting* (Stqarrija tal-ASBJ Nru 12 (rivedut 2009) Standards tal-Kontabbiltà għar-Rapportar Finanzjarju Trimestrali). L-iskop ta' dawn l-emendi huwa li jirrevedu r-rekwiżiti tad-divulgazzjoni għar-rapporti finanzjarji trimestrali fil-każ ta' dubji fir-rigward tal-kapaċità tal-"avjament". Barra minn hekk, b'risposta għad-deliberazzjonijiet mal-IASB, l-ASBJ adotta ktiba għad-diskussjoni dwar "Il-Kontabbiltà għall-Kombinamenti tan-Negożju", ħareġ ktiba għad-diskussjoni dwar "Provvedimenti" u ktiba għad-diskussjoni dwar "Ir-Rikonoxximent tad-Dħul".

Adozzjoni possibbli tal-IFRS

B'segwitu għat-"Tokyo agreement"¹¹, il-Business Accounting Council (BAC)¹², approvat f'Ġunju 2009 f'Rapport Interim¹³ għall-adozzjoni tal-IFRSs fil-Ġappun. Skont ir-rapport interim propost, l-użu volontarju tal-IFRSs ser ikun permess mis-sena fiskali li tintemm fil-31 ta' Marzu 2010 jew wara, għar-rapporti finanzjarji konsolidati ta' ċerti kumpaniji elenkati attivi internazzjonalment. Id-deċiżjoni finali rigward l-użu mandatorju tal-IFRS tittieħed madwar l-2012. Data possibbli għall-applikazzjoni mandatorja tal-IFRS hija fl-2015 jew l-2016.

F'Settembru 2009 l-ASBJ ippubblika aġġornament tal-pjan tal-proġett tagħhom għall-2011. Il-pjan tal-proġett imġedded ġie żviluppata billi tqies ir-Rapport Interim imsemmi hawn fuq maħruġ mill-BAC, li jirrakkomanda lill-ASBJ biex ikompli u jaċċellera l-konverġenza tal-istandards tal-kontabbiltà. Iqis ukoll il-pjan ta' ħidma tal-IASB minn Awwissu 2009 sal-2011.

F'Diċembru 2009, il-Japanese Financial Services Agency (JFSA) irrilaxxat ir-reviżjoni tar-regolament dwar id-divulgazzjoni korporattiva li tippermetti lil ċerti kumpaniji Ġappuniżi japplikaw l-IFRSs fuq bażi volontarja.

Fil-bidu tal-2010 il-JFSA għamel konsultazzjoni pubblika dwar l-Avvizi Regulatorji (Regulatory Notices) riveduti bil-ħsieb li jaġġorna l-lista ta' IFRS desinjati għall-applikazzjoni volontarja fil-Ġappun. F'Marzu 2010, il-JFSA lesta l-konsultazzjoni pubblika u aġġorna l-lista ta' IFRSs desinjati fejn ippermetta l-IFRS u l-Interpretazzjonijiet IFRIC kollha approvati u maħruġa mill-IASB fil-31 ta' Diċembru 2009 jew qabel, biex jintużaw fl-applikazzjoni volontarja tal-IFRS fil-Ġappun minn ċerti kumpaniji elenkati Ġappuniżi mis-

¹¹ Dikjarazzjoni konġunta mħabbra mill-Accounting Standards Board of Japan (ASBJ) u l-IASB fl-2007, li tfassal inizjattiva biex taċċellera l-programm ta' konverġenza għall-IFRSs u l-GAAPs Ġappuniżi.

¹² Korp konsultattiv fil-Financial Services Agency (FSA) Ġappuniża.

¹³ BAC (2009), Opinion on the Application of International Financial Reporting Standards (IFRS) in Japan (Interim Report).

snin fiskali konsolidati li jintemmu fil-31 ta' Marzu 2010 jew wara¹⁴. Il-JFSA ħabbret ukoll li ser tinkludi l-IFRS 9, l-ewwel fażi tar-reviżjoni tal-IAS 39 imwettqa mill-IASB, f'pakkett li jkun disponibbli għall-użu minn xi kumpaniji Ġappuniżi fuq bażi volontarja mill-10 ta' Marzu 2010.

F'April 2010 l-ASBJ ippubblika verżjoni aġġornata tal-pjan tal-proġett għall-2011 (ara l-Anness). L-ASBJ xorta waħda fi ħsiebu jkompli l-punti relatati mad-differenzi li baqa' bejn il-GAAP Ġappuniżi eżistenti u l-IFRSs fl-2010, u fi ħsiebu joħroġ abbozi ta' espożizzjoni dwar bosta mill-proġetti indirizzati mill-MtQ bejn l-IASB u l-FASB tal-Istati Uniti fl-ewwel nofs tal-2011 b'konformità mal-pjan ta' ħidma attwali tal-IASB. *Rekwiżit ta' rikonċiljazzjoni*

L-awtoritajiet Ġappuniżi ma jesiġu l-ebda rikonċiljazzjoni għall-emittenti mill-UE li jippreparaw ir-rapporti finanzjarji tagħhom skont l-IFRS kif adottati mill-UE.

3. IĊ-ĊINA

Fil-każ ta' Ċina, il-Kummissjoni talbet lill-KRET pariri dwar l-applikazzjoni fil-prattika tal-ASBEs konverġuti sostanzjalment.

L-awtoritajiet Ċinzi ddeċidew fi Frar 2006 biex jinkorporaw l-IFRS fil-leġiżlazzjoni tagħhom filwaqt li, f'ċerti każijiet, jemendawhom biex iqisu ċ-ċirkostanzi lokali. Dawn l-Istandards tal-Kontabbiltà għall-Intrapriżi Kummerċjali (Accounting Standards for Business Enterprises (ASBEs)) saru mandatorji għall-intrapriżi elenkati Ċinzi kollha mill-1 ta' Jannar 2007.

Skont rapport¹⁵ ippubblikat mill-Ministeru tal-Finanzi Ċinż f'Novembru 2008, l-implimentazzjoni tal-ASBEs il-ġodda għaddiet mingħajr intoppi u tlestiet mingħajr taqlib kbir għas-swieq Ċinzi jew iċ-ċiklu tar-rapportar¹⁶. Ir-rapport jistqarr li l-Ministeru tal-Finanzi Ċinż jaħseb li l-qlib għall-ASBEs tejjeb il-kwalità u l-affidabbiltà tar-rapportar finanzjarju fiċ-Ċina, prinċipalment minħabba aktar trasparenza fid-divulgazzjonijiet. Il-Ministeru jaħseb ukoll li l-ASBEs konverġuti qed jagħmlu s-suq Ċinż aktar attraenti għall-emittenti barranin kif ukoll ipoġġi lill-emittenti Ċinzi f'pożizzjoni aħjar biex jaċċessaw is-swieq internazzjonali. Barra minn hekk, il-Ministeru tal-Finanzi identifika għadd ta' oqsma fir-rapporti finanzjarji tal-2007 fejn il-livell ta' konformità jista' jittejjeb jew fejn inħass li l-emittenti sabu diffikultajiet biex jidentifikaw applikazzjonijiet aċċettabbli skont l-istandards konċernati. Fl-aħħar nett, il-Ministeru fi ħsiebu jieħu miżuri biex itejjeb l-applikazzjoni tal-istandards il-ġodda fil-perjodi futuri ta' rapportar.

F'Settembru 2009, il-Ministeru tal-Finanzi ħareġ Abbozz ta' Espożizzjoni (AE) dwar il-pjan għall-konverġenza kontinwa u sħiħa ("Roadmap for Continuing and Full Convergence") tal-istandards Ċinzi mal-IFRSs għall-konsultazzjoni pubblika. Il-kummenti jistgħu jinbagħtu satt-30 ta' Novembru 2009.

Fir-Rapport tiegħu dwar l-Osservanza ta' Standards u Kodiċijiet (ROSC) ta' Ottubru 2009, il-Bank Dinji faħħar liċ-Ċina dwar il-"progress impressjonanti" li għamlet fit-twaqqif ta' qafas

¹⁴ <http://www.fsa.go.jp/en/news/2010/20100303-1.html>

¹⁵ Ministeru tal-Finanzi Ċinż (2008), Analysis Report on the Implementation of New Accounting Standards by Chinese Listed Companies in 2007.

¹⁶ Il-Ministeru tal-Finanzi Ċinż ikkonferma mal-Kummissjoni Ewropea li dan kien ukoll il-każ għar-rapporti annwali tal-2008.

istituzzjonali għall-kontabbiltà, awditjar u rapportar finanzjarji korporattiv¹⁷. Ir-rapport itenni l-impenn taċ-Ċina favur il-konverġenza tal-ASBEs Ċiniżi mal-IFRSs u jindika li konverġenza sħiħa mistennija tintlaħaq sal-2012.

Il-Kummissjoni ser tkompli timmonitorja, bl-assistenza tal-KRET, l-implimentazzjoni fil-prattika tal-IFRS fil-futur.

4. XOGĦOL TA' KONVERĠENZA MINN PAJJIŻI TERZI LI JKUN FI ĦSIEBHOM JADOTTAW L-IFRS

Fi Frar 2009, il-Kummissjoni talbet lill-KRET jipprovdi aġġornament dwar il-progress ta' ċerti pajjiżi terzi (il-Kanada, il-Korea t'Isfel u l-Indja) li rċevew perjodu ta' tranżizzjoni mill-UE fil-qlib tagħhom għall-IFRS. Barra r-rapport tal-KRET¹⁸ ta' Ġunju 2009, is-servizzi tal-Kummissjoni qed jirrapportaw li ġej:

Il-Kanada

F'Jannar 2006, l-Accounting Standards Board (AcSB, il-Bord tal-Istandards tal-Kontabbiltà) Kanadiż ħabbar id-deċizzjoni tiegħu li jadotta bis-sħiħ l-IFRS għall-intrapriżi ta' responsabbiltà pubblika sal-31 ta' Diċembru 2011, u kien hemm informazzjoni disponibbli għall-pubbliku li tipprovdi dettalji dwar il-programm u l-progress tal-awtoritajiet Kanadiżi sabiex jilhq dan.

Matul l-aħħar sentejn, l-Awtoritajiet Kanadiżi komplew l-isforzi tagħhom biex jiżguraw it-tranżizzjoni propizja tal-IFRS pemezz ta' diversi pubblikazzjonijiet, korsijiet ta' taħriġ elettroniku, u ktibiet konċettwarji. Pereżempju, f'Novembru 2008 l-AcSB ippubblika l-lista tal-IFRSs li huma mistennija li jkunu applikabbli għall-emittenti Kanadiżi fid-data tal-qlib fl-2011. Aktar tard, f'Marzu 2009 l-AcSB ħareġ it-tieni Abbozz ta' Espożizzjoni (AE) kumplessiv dwar l-istat tat-tranżizzjoni tal-Kanada lejn l-IFRS intitolat "Adopting IFRSs in Canada II" ("L-adozzjoni tal-IFRSs fil-Kanada II"). Il-Canadian Institute of Chartered Accountants (CICA, l-Istitut Kanadiż tal-Kontabilisti Ċertifikati) varat ukoll kors elettroniku bla ħlas dwar l-introduzzjoni tal-IFRS u l-implikazzjonijiet għan-negozju Kanadiż.

Fl-aħħar nett, il-President tal-AcSB ippubblika stqarrija¹⁹ f'Diċembru 2008 fejn ikkonferma li l-pjan ta' adożzjoni għadu kif ippjanat u la l-effetti tat-taqlib fis-suq u lanqas deċizzjoni eventwali tas-SEC biex tittardja l-adożzjoni tal-IFRS fl-Istati Uniti ma kienu ser idewmu t-tranżizzjoni fil-Kanada.

Il-Korea t'Isfel

Il-Financial Services Commission (FSC, il-Kummissjoni għas-Servizzi Finanzjarji) Koreana u l-Korea Accounting Institute (KAI, l-Istitut tal-Kontabbiltà Korea) impenjaw ruħhom pubblikament f'Marzu 2007 li jadotta l-IFRS sal-31 ta' Diċembru 2011, u kien hemm informazzjoni disponibbli għall-pubbliku li tipprovdi dettalji dwar il-programm u l-progress tal-awtoritajiet tal-Korea t'Isfel sabiex jilhq dan.

¹⁷ Report on the Observance of Standards and Codes (ROSC) – Accounting and Auditing – People's Republic of China (ara http://www.worldbank.org/ifa/rosc_aa_chn.pdf).

¹⁸ Fir-rapport tiegħu ta' Ġunju 2009, il-KRET iddikjara b'mod ċar li l-informazzjoni tagħhom hija bbażata fuq il-laqgħat mal-IASB, skambju ta' komunikazzjoni bil-kitba ma' rappreżentant ta' kull wieħed mir-regolaturi tat-titoli jew stipulatur tal-istandards kontabilistiċi rilevanti, u informazzjoni disponibbli għall-pubbliku fuq l-internet. Konsegwentement, ir-rapport tagħhom huwa ta' natura fattwali, u ma jfittixx li jispekula dwar il-progress f'dak li għandu x'jaqsam mal-konverġenza jew l-adożzjoni miksuba mill-pajjiżi konċernati.

¹⁹ Ara: <http://www.acsbcanada.org/fyi-newsletter/item17751.pdf>

Matul l-aħħar sentejn, l-awtoritajiet tal-Korea t'Isfel komplew l-isforzi tagħhom biex jiżguraw it-tranżizzjoni propizja tal-IFRS pemezz ta' diversi pubblikazzjonijiet, siti elettroniċi, regolamenti u t-twaqqif ta' grupp ta' ħidma u grupp konsultattiv. Pereżempju, matul l-2008 KAI ippublikat ġabra sħiħa ta' K-IFRSs, u bdiet programm ta' korsijiet immirati lejn l-edukazzjoni ta' kontabilisti pubbliċi ċertifikati u persunal kontabilistiku fil-kumpaniji. Barra minn hekk, l-FSC Koreana żgurat lill-KRET li eżaminat u emendat diversi liġijiet u regolament biex tallinjahom mal-IFRS; varat sit elettroniku biex ixxerred informazzjoni dwar l-IFRS; ippublikat regolament li jawtorizza lill-kumpaniji jiddivulgaw analiżi tal-impatt tal-IFRS fir-rapporti finanzjarji tagħhom sentejn qabel ma jadottaw l-IFRS; u waqqfet grupp konsultattiv għall-adotturi bikrin, u grupp ta' ħidma biex jimmonitorja l-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-pjan.

L-Indja

F'Lulju 2007, The Institute of Chartered Accountants of India (ICAI) impenja ruħu pubblikament biex jadotta l-IFRS sal-31 ta' Diċembru 2011. Il-Gvern Indjan ikkonferma pubblikament f'Mejju 2008 l-intenzjoni tiegħu li jilħaq il-konverġenza mal-IFRS sal-2011. L-ICAI ddikjara li jista' jagħmel modifiki (bħal hteieġa ta' divulgazzjonijiet addizzjonali, tibdil ta' xi terminoloġija jew omissjoni ta' xi alternattivi jew trattamenti alternattivi) għall-IFRSs sabiex jirriflettu ċ-ċirkostanzi partikolari Indjani. Dawn il-bidliet, madankollu, kienu mistennija li jkunu minuri u l-intenzjonijiet dikjarati tal-ICAI kif ukoll tal-Gvern Indjan kienu li l-Istandards tal-Kontabbiltà Indjani jkunu totalment konformi mal-IFRS sa tmiem il-programm.

Matul l-aħħar sentejn, l-Awtoritajiet Indjani komplew l-isforzi tagħhom biex jiżguraw it-tranżizzjoni propizja tal-IFRS pemezz ta' diversi pubblikazzjonijiet, korsijiet ta' taħriġ u seminars. Pereżempju, bħalissa l-ICAI jinsab fil-proċess li jbidel l-Istandards tal-Kontabbiltà Indjani kemm ikun meħtieġ sabiex jikkonverġu totalment mal-IFRS, u ppubblika programm ta' ħidma dettaljat. Vara wkoll kors ta' ċertifikat dwar l-IFRS biex itejjeb l-għarfien tal-IFRS fost il-membri tiegħu.

Fi Frar 2010, il-Ministeru tal-Affarijiet Korporattivi tal-Indja adotta pjan għal tranżizzjoni gradwali għall-"Istandards notifikati Indjani li kkonverġew mal-IFRS" minn kumpaniji Indjani elenkati u kbar²⁰, għajr il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni:

- Fil-Fażi I, xi kumpaniji speċifiċi²¹ ser jikkonvertu l-karti bilanċjali tal-ftuħ mill-1 ta' April 2011 (fejn is-sena finanzjarja tibda f'dik id-data jew wara).
- Fil-Fażi II, kumpaniji, kemm jekk elenkati jew le, li jkollhom valur nett ogħla minn Rs 500 crores imma mhux aktar minn Rs 1000 crores²² ser jikkonvertu l-karti bilanċjali tal-ftuħ mill-1 ta' April 2013 (fejn is-sena finanzjarja tibda f'dik id-data jew wara).
- Fil-Fażi III, kumpaniji elenkati, li jkollhom valur nett ta' Rs 500 crores jew anqas ser jikkonvertu l-karti bilanċjali tal-ftuħ mill-1 ta' April 2014 (fejn is-sena finanzjarja tibda f'dik id-data jew wara).

Kumpaniji fil-kategoriji segwenti mhux ser ikunu meħtieġa li jsegwu l-istandards tal-kontabbiltà notifikati li jkunu kkonverġew mal-IFRS (minkejja li jistgħu jagħżlu li jagħmlu

²⁰ <http://www.pib.nic.in/release/release.asp?relid=57220>.

²¹ Kumpaniji li huma parti mill-NSE Index - Nifty 50, kumpaniji li huma parti mill-BSE Sensex 30, kumpaniji li l-ishma jew titoli oħra tagħhom huma elenkati f'Borża barra l-Indja, kumpaniji, elenkati jew le, li jkollhom valur nett ogħla minn Rs 1000 crores.

²² 1 crore = 10 miljun. Rs (rupi) 500 crore = €80,000,000. Rs 1000 crore = €160,000,000.

dan volontarjament) imma jeħtieġu li jsegwu biss l-"standards tal-kontabbiltà notifikati li ma kkonverġewx mal-IFRS":

- Kumpaniji mhux elenkati b'valur nett ta' Rs 500 crores jew anqas u li l-ishma jew titoli oħra tagħhom ma jkunux elenkati f'Borża barra l-Indja;
- Kumpaniji Żgħar u ta' Daqs Medju (Small and Medium Companies (SMCs)).

Hu mistenni li jitressaq pjan separat għall-kumpaniji bankarji u tal-assigurazzjoni sa tmiem Frar 2010.

5. ŻVILUPPI F'PAJJIŻI TERZI OĦRAJN

Barra mill-pajjiżi diġà diskussi fit-taqsimiet preċedenti, hemm bosta ekonomiji kbar oħra mixjin lejn l-IFRS. Din it-taqsimi tipprovdi informazzjoni ġenerali dwar l-iżviluppi reċenti f'xi ekonomiji kbar oħra li l-Kummissjoni Ewropea taf bihom abbażi ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

L-Arġentina

F'Diċembru 2009, Comisión Nacional de Valores (CNV, Kummissjoni Nazzjonali tat-Titoli) tal-Arġentina adottat rekwiżit li l-kumpaniji kollha li joħroġu offerti pubbliċi ta' titoli ta' ekwità jew ta' debitu jridu jippreparaw r-rapporti finanzjarji tagħhom bl-użu tal-IFRSs, u jibdeu mir-rapporti finanzjarji għas-sena li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2012. Minn Jannar 2011 il-kumpaniji jistgħu volontarjament jissottomettu ir-rapporti finanzjarji tagħhom skont l-IFRSs.

Il-Brażil

F'Lulju 2007, il-Bank Ċentrali Brażiljan u l-Comissão de Valores Mobiliários (CMV, il-Kummissjoni dwar it-Titoli u l-Borża) Brażiljana stipulat l-2010 bħala l-iskadenza għall-adozzjoni tal-IFRS għar-rapporti finanzjarji konsolidati għall-kumpaniji elenkati u l-istituzzjonijiet finanzjarji. L-użu tal-IFRSs kien fakultattiv għall-kumpaniji elenkati bejn l-2007 sal-2009.

Il-Messiku

F'Novembru 2008, il-Comisión Nacional Bancaria y de Valores (CNBV, il-Kummissjoni Nazzjonali Bankarja u tat-Titoli) Messikana, flimkien mal-Consejo Mexicano para la Investigación y Desarrollo de Normas de Información Financiera (CINIF, il-Kunsill Messikan dwar l-Istandards tal-Kontabbiltà), ħabbru li l-Messiku ser jadotta l-IFRS għall-entitajiet elenkati kollha fl-2012. Adozzjoni bikrija għal xi entitajiet tkun permessa mill-2008 soġġetta għar-rekwiżiti li se jkunu stabbiliti mis-CNBV.

Ir-Russja

Fir-Russja l-gvern ħabbar fl-2002 li l-kumpaniji u banek kollha ser ikunu meħtieġa li jħejju r-rapporti finanzjarji tagħhom skont l-IFRS mill-1 ta' Jannar 2004. Parallel ma' dan, hemm approssimazzjoni teknika kontinwa tal-standards nazzjonali Russi tal-kontabbiltà (RAS) mal-IFRS. Proposta legali li teħtieġ lill-korporazzjonijiet jikkonformaw mal-IFRS ilha pendent quddiem il-Parlament sa mill-2004. Ma hemm l-ebda indikazzjoni dwar xi żviluppi sostanzjali fejn jidħol l-użu obbligatorju tal-IFRS.

It-Tajwan

F'Mejju 2009 il-Financial Supervisory Commission (FSC, il-Kummissjoni Superviżorja Finanzjarja) tat-Tajwan ħabbret pjan għall-adozzjoni sħiħa tal-IFRSs fit-Tajwan. Il-kumpaniji tal-Fażi I, li huma l-kumpaniji u l-istituzzjonijiet finanzjarji elenkati kollha supervizzati mill-Kummissjoni Superviżorja Finanzjarja (għajr il-kooperattivi tal-kreditu, kumpaniji tal-kards ta' kreditu, u intermedjarji tal-assigurazzjoni), ser ikunu meħtieġa japplikaw l-IFRSs mill-1 ta' Jannar 2013. Adozzjoni volontarja tal-IFRSs ser tkun permessa mill-1 ta' Jannar 2012 għall-kumpaniji elenkati kollha. Il-kumpaniji ta' Fażi II, li huma kumpaniji pubbliċi mhux elenkati, kooperattivi tal-kreditu u kumpaniji tal-kards ta' kreditu, ser ikunu meħtieġa japplikaw l-IFRS mill-1 ta' Jannar 2015 (volontarjament jibdew mill-1 ta' Jannar 2013).

6. KONKLUŻJONIJIET

B'segwitu għall-adozzjoni taż-żewġ miżuri tal-Kummissjoni f'Diċembru 2008²³, il-Kummissjoni talbet lill-KRET jipprovdi aġġornament dwar l-iżviluppi fl-erba' pajjiżi li kienu nstabu ekwivalenti għall-IFRS fuq bażi temporanja sal-31 ta' Diċembru 2011: iċ-Ċina, il-Kanada, l-Indja u l-Korea t'Isfel. Il-ħidma tal-KRET tindika li fil-każijiet kollha, il-pajjiżi konċernati għamlu xi progress fl-insegwiment tal-programmi tagħhom tal-konverġenza jew l-adozzjoni.

Fir-rigward tal-Istati Uniti u l-Ġappun, il-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet il-GAAPs bħala ekwivalenti għall-IFRS għall-użu fl-Unjoni. L-Istati Uniti wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-adozzjoni tal-IFRS, u kkonkludiet li ser tiegħu deċiżjoni fl-2011 dwar jekk jipproċedux b'mandat biex jintuża l-IFRS. L-Istati Uniti iddikjarat ukoll li timmira lejn l-2015 bħala l-abkar dara possibbli għall-applikazzjoni obligatorja tal-IFRS. Għalhekk, id-deċiżjoni fl-2011 ser tkun waħda kruċjali f'dak li għandha x'taqsam il-konverġenza bejn il-GAAP tal-Istati Uniti u l-IFRS. Fin-nuqqas ta' impenn ċar favur it-tqarrib lejn l-adozzjoni tal-IFRS fl-Istati Uniti, kemm il-kredibbiltà tas-sistema tal-IFRS kif ukoll il-parteciċipazzjoni minn pajjiżi li mhux qed jimplimentawhom fl-istruttura tal-governanza tal-Fondazzjoni tal-IFRS jistgħu jiġu preġudikati. Il-Ġappun kompli wkoll ix-xogħol fuq il-konverġenza bejn il-GAAP u l-IFRS. Il-Ġappun jippermetti l-applikazzjoni volontarja tal-IFRS minn ċerti kumpaniji elenkati b'bidu mis-snin fiskali konsolidati li jntemmu fil-31 ta' Marzu 2010 jew wara. Il-Ġappun ħabbar ukoll l-intenzjoni tiegħu li jieħu deċiżjoni madwar l-2012 dwar jekk jadottax l-IFRS sal-2015 jew l-2016.

Ekonomiji kbar oħra, bħall-Arġentina, il-Brażil, il-Messiku u t-Tajwan, reċentement wkoll ħabbru l-intenzjoni tagħhom li jadottaw l-IFRS. Fir-Russja, ma hemm l-ebda indikazzjoni dwar xi żviluppi sostanzjali fejn jidhrol l-użu obligatorju tal-IFRS.

Fis-snin li ġejjin il-Kummissjoni ser tkompli timmonitorja s-sitwazzjoni u tivvaluta l-isforzi fis-seħħ minn pajjiżi terzi li qed jikkonverġu lejn l-IFRS jew li fi ħsiebhom jadottaw l-IFRS, bl-assistenza teknika tal-KRET.

Il-Kummissjoni ser tkompli tappoġġa l-isforzi ta' dawk il-pajjiżi li impenjaw ruħhom li jikkonverġu l-istandards tal-kontabbiltà tagħhom lejn l-IFRS kif ukoll ta' dawk il-pajjiżi li impenjaw ruħhom li jadottaw l-IFRS.

²³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1289/2008.

ANNEX għar-

Rapport dwar il-konverġenza bejn l-Istandards Internazzjonali tar-Rapportaġġ Finanzjarju (IFRS) u l-Prinċipji tal-Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAPs) nazzjonali ta' pajjiżi terzi

Anness 1: Sommarju aġġornat tas-sitwazzjoni tal-konverġenza jew adozzjoni tal-IFRS f'xi pajjiżi terzi

| | Il-pajjiż | Rimarki |
|--|-----------------------------------|---|
| Meqjusa ekwivalenti għall-IFRS adottati | L-Istati Uniti tal-Amerika | <p>Mill-1 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni Ewropean tirrikonoxxi l-GAAP tal-Istati Uniti ekwivalenti għall-IFRS għall-użu fil-Komunità.</p> <p>B'segwitu għal konsultazzjoni pubblika dwar il-pjan ta' tranzizzjonar tal-IFRS, is-SEC ikkonkluda li ser jieħu deċiżjoni fl-2011 dwar jekk jipproċedix b'mandat biex jintuża l-IFRS. L-Istati Uniti ddikjarat ukoll li timmira lejn l-2015 bħala l-abkar dara possibbli għall-applikazzjoni obbligatorja tal-IFRS.</p> |
| | Il-Ġappun | <p>Mill-1 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni Ewropean tirrikonoxxi l-GAAP Ġappuniż ekwivalenti għall-IFRS għall-użu fil-Komunità.</p> <p>Il-Ġappun ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jieħu deċiżjoni madwar l-2012 dwar jekk jimponix l-applikazzjoni obbligatorja tal-IFRS sal-2015 jew l-2016. Il-Ġappun jippermetti l-applikazzjoni volontarja tal-IFRS minn ċerti kumpaniji elenkati b'bidu mis-snin fiskali konsolidati li jintemmu fl-31 ta' Marzu 2010 jew wara.</p> |
| lċ-Ċina | lċ-Ċina | <p>Mill-1 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni Ewropea aċċettat r-rapporti finanzjarji li jużaw il-GAAPs Ċiniżi fuq bażi temporanza sal-31 ta' Diċembru 2011.</p> <p>L-awtoritajiet Ċiniżi qed jaħdmu fid-direzzjoni ta' konverġenza totali sal-2012.</p> |
| Bil-ħsieb li jadottaw l-IFRS | Il-Kanada | <p>Il-Kummissjoni Ewropea aċċettat r-rapporti finanzjarji li jużaw il-GAAPs Kanadiżi fuq bażi temporanza sal-31 ta' Diċembru 2011.</p> <p>Il-Kanada tippjana adozzjoni totali tal-IFRS fl-2011.</p> |
| | Il-Korea t'Isfel | <p>Il-Kummissjoni Ewropea aċċettat r-rapporti finanzjarji li jużaw il-GAAPs tal-Korea t'Isfel fuq bażi temporanza sal-31 ta' Diċembru 2011.</p> <p>Il-Korea t'Isfel tippjana adozzjoni totali tal-IFRS fl-2011.</p> |
| | L-Indja | <p>Il-Kummissjoni Ewropea aċċettat r-rapporti finanzjarji li jużaw il-GAAPs Indjani fuq bażi temporanza sal-31 ta' Diċembru 2011.</p> <p>L-Indja tippjana adozzjoni totali tal-IFRS fl-2011.</p> |
| Oħrajn | L-Arġentina | L-Arġentina tippjana li tadotta l-IFRS sal-2012 (volontarjament minn Jannar 2011) |
| | Il-Brażil | Il-Brażil jippjana li jadotta l-IFRS sal-2010 (volontarjament għall-kumpaniji elenkati qabel l-2010) |
| | Il-Messiku | Il-Messiku ħabbar li l-kumpaniji elenkati kollha ser ikunu meħtieġa jużaw l-IFRS sal-2012 (adozzjoni bikrija għal xi entitajiet tkun permessa mill-2008 soġġeta għal ċerti rekwiżiti). |
| | Ir-Russja | L-ebda indikazzjoni dwar xi żviluppi sostanzjali dwar il-konverġenza tal-IFRS. |
| | It-Tajwan | It-Tajwan ħabbar li l-kumpaniji elenkati u l-istituzzjonijiet finanzjarji supervizzati kollha mill-FSC ser ikunu meħtieġa japplikaw l-IFRS mill-1 ta' Jannar 2013 (volontarjament għall-kumpaniji elenkati kollha ser ikun permessi mill-1 ta' Jannar 2012). Il-kumpaniji pubbliċi mhux elenkati, kooperattivi tal-kreditu u kumpaniji tal-kards ta' kreditu ser ikunu meħtieġa japplikaw l-IFRS mill-1 ta' Jannar 2015 (volontarjament ser ikunu permessi mill-1 ta' Jannar 2013). |

